

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/561****tal-11 ta' April 2016****li jemenda l-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 fejn jikkonċerna l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-klieb, għall-qtates u għall-inmsa li jiddaħħlu fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz għal skopijiet mhux kummerċjali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jistipula li l-klieb, il-qtates u l-inmsa mdaħħla fi Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz għal skopijiet mhux kummerċjali għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument tal-identifikazzjoni fil-format ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali. Il-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.
- (2) Fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali hemm referenza għar-riżultat tajjeb li jrid jinkiseb mit-test meħtieġ għar-reazzjoni ta' immunità għat-tilqim kontra l-marda tar-rabja li jrid isir skont l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 fuq kampjuni tad-demem li jittieħdu mill-klieb, mill-qtates u mill-inmsa li jkunu ġejjin minn territorju jew pajjiż terz mhux elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 jew li jkunu skedati li jgħaddu minn hemm.
- (3) Wara l-ħafna falsifikazzjonijiet ta' rapporti tal-laboratorju fuq ir-riżultati tat-test tat-titrazzjoni ta' antikorpi tar-rabja, jixraq li wieħed ifakkar lill-uffiċjali li jagħtu ċ-ċertifikati fit-territorji jew fil-pajjiżi terzi li r-riżultati tajbin ta' dak it-test ma għandhomx jiġu ċċertifikati sakemm ma tkunx ġiet iwwerifikata l-awtentiċità tar-rapport tal-laboratorju. Għandu jkun hemm nota ta' gwida speċifika li tgħid dan fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali.
- (4) Barra minn hekk, in-nota dwar id-data ta' meta sar l-immarkar tal-klieb, tal-qtates u tal-inmsa fil-Parti I taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ġiet interpretata ħażin minn xi uffiċjali li jiċċertifikaw fil-pajjiżi terzi, u b'hekk kien hemm il-problemi waqt il-kontrolli tal-konformità fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Biex jiġi evitat kull ftehim ħażin, dik in-nota għandha titħassar mill-Parti I taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali fejn jiġu deskritti l-annimali, u għandha tiddaħħal fil-Parti II taċ-ċertifikat, li tikkonċerna ċ-ċertifikazzjoni tal-annimali. Fil-Parti II għandha tiddaħħal ukoll nota speċifika ta' gwida dwar il-verifikazzjoni tal-marka.
- (5) Għalhekk, l-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Biex ma jkunx hemm tfixkil tal-movimenti, għandu jiġi awtorizzat l-użu taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li jkunu nħarġu skont il-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament waqt perjodu ta' tranżizzjoni.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

<sup>(1)</sup> ĠUL 178, 28.6.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r- rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 178, 28.6.2013, p. 109).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 577/2013 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Għal perjodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2016, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw id-dħul ta' klieb, qtates u inmsa minn territorju jew minn pajjiż terz għal skopijiet mhux kummerċjali u akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jkun inħareġ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2016 skont il-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 fil-verżjoni ta' qabel ma saru l-emendi minn dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika mill-1 ta' Settembru 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

\_\_\_\_\_

## ANNEX

Il-Parti I tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tinbidel b'dan li ġej:

## "PARTI I

**Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-moviment mhux kummerċjali lejn Stat membru minn territorju jew minn pajjiż terz, ta' klieb, qtates u inmsa skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013**

## PAJJIŻ:

## Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta	I.1. Speditur Isem Indirizz  Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a.			
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali					
			I.4. Awtorità kompetenti lokali					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz  Kodiċi Postali Tel.		I.6. Persuna responsabbli għall-konsenja fl-UE					
	I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi tal-ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini	Kodiċi	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi tal-ISO	I.10. Ir-reġjun tad-destinazzjoni	Il-kodiċi
	I.11. Il-post tal-oriġini			I.12. Il-post tad-destinazzjoni				
	I.13. Il-post tat-tagħbija			I.14. Id-data tat-tluq				
	I.15. Il-mezz tat-trasport			I.16. BIP tad-dħul fl-UE				
				I.17. Nru/nri tas-CITES				
	I.18. Deskrizzjoni tal-oġġett				I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA)		010619	
						I.20. Kwantità		
I.21. Temperatura tal-prodotti				I.22. L-għadd totali ta' pakketti				
I.23. In-Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur				I.24. It-tip tal-pakkett				

I.25. Merkanzija ċċertifikata għal:

Animali domestiċi

I.26. Għat-tranżitu fpajjiż terz

I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE

I.28. Identifikazzjoni tal-merkanzija

Speċi (Isem xjentifiku)	Sess	Kulur	Razza	Numru ta' identifikazzjoni [jj/xx/ssss]	Sistema ta' identifikazzjoni	Data tat- twelid
----------------------------	------	-------	-------	---	---------------------------------	---------------------

## PAJJIŻ

**Moviment mhux kummerċjali lejn Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż  
terz ta' klieb, qtates jew inmsa skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE)  
Nru 576/2013**

	II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<b>Parti II: Ċertifikazzjoni</b>	<p>Jiena s-sottoskritt, veterinarju uffiċjali <sup>(1)</sup>/veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti <sup>(1)</sup> ta' ..... (daħħal l-isem tat-territorju jew tal-pajjiż terz) niċċertifika li:</p>		
	<p><b>L-għan/in-natura tal-vjaġġ attestat mis-sid</b></p>		
	<p>II.1. id-dikjarazzjoni mehmuża <sup>(2)</sup> mis-sid jew mill-persuna fiżika li għandha l-awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand is-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid, sostnuta bl-evidenza <sup>(3)</sup>, tiddikjara li l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 se jakkumpanjaw lis-sid jew lill-persuna fiżika li għandha l-awtorizzazzjoni bil-miktub biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid fi żmien mhux aktar minn ħamest ijiem tal-moviment tagħha u mhumiex suġġetti għal moviment bi skop ta' bejgħ jew tat-trasferiment tas-sjieda tagħhom, u matul il-moviment mhux kummerċjali se jibqgħu fir-responsabbiltà ta'</p>		
	<p><sup>(1)</sup> jew [is-sid;]</p>		
	<p><sup>(1)</sup> jew [il-persuna fiżika li għandha awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand is-sid biex twettaq il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid;]</p>		
	<p><sup>(1)</sup> jew [il-persuna fiżika maftura minn trasportatur ikkuntrattat mis-sid biex iwettaq moviment mhux kummerċjali tal-annimali f'isem is-sid;]</p>		
	<p><sup>(1)</sup> jew [II.2. l-għadd ta' annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 li qegħdin jiġu ttrasportati hu ta' ħamsa jew inqas;]</p>		
	<p><sup>(1)</sup> jew [II.2. l-għadd ta' annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 li qegħdin jiġu ttrasportati huwa ta' aktar minn ħamsa, għandhom aktar minn sitt xhur u se jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet, f'wirjiet jew f'avvenimenti sportivi jew fit-taħriġ għal dawk l-avvenimenti, u s-sid jew il-persuna fiżika msemmija fil-punt II.1 tat prova <sup>(3)</sup> li l-annimali huma rreġistrati</p>		
	<p><sup>(1)</sup> jew [biex jattendu dan l-avveniment;]</p>		
	<p><sup>(1)</sup> jew [ma' assoċjazzjoni li torganizza dawn l-avvenimenti;]</p>		
<p><b>Attestazzjoni ta' tilqim kontra r-rabja u għat-test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja</b></p>			
<p><sup>(1)</sup> jew [II.3. l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28 għandhom inqas minn 12-il ġimgħa u għadhom ma ħadux tilqima kontra r-rabja, jew għandhom bejn 12 u 16-il ġimgħa u ħaduha t-tilqima kontra r-rabja, iżda għadhom ma għaddewx il-21 jum mindu ntemm it-tilqim primarju kontra r-rabja mwettaq skont ir-rekwiżiti tal-validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 <sup>(4)</sup>, u</p>			
<p>II.3.1 t-territorju jew il-pajjiż terz minn fejn ikunu ġejjin l-annimali indikat fil-Kaxxa I.1 huwa elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 u l-Istat Membru tad-destinazzjoni indikat fil-Kaxxa I.5 informa lill-pubbliku li huwa jawtorizza l-moviment ta' dawn l-annimali fit-territorju tiegħu, u li magħhom għandhom</p>			
<p><sup>(1)</sup> jew [II.3.2 id-dikjarazzjoni tas-sid, jew tal-persuna fiżika msemmija fil-punt II.1 mehmuża <sup>(5)</sup>, li tiddikjara li mit-twelid sal-mument tal-moviment mhux kummerċjali, l-annimali ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali slavaġ ta' speċijiet suxxettibbli għar-rabja;]</p>			
<p><sup>(1)</sup> jew [II.3.2 lil ommhom, li għadhom jiddependu minnha, u jista' jiġi stabbilit li din tal-aħħar kienet tlaqqmet kontra r-rabja qabel twieldu u li t-tilqima kienet tikkonforma mar-rekwiżiti tal-validità stipulati fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013;]</p>			



## PAJJIŻ

**Moviment mhux kummerċjali lejn Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż terz ta' klieb, qtates jew inmsa skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
<b>Attestazzjoni tat-trattament kontra l-parassiti</b>				
( <sup>1</sup> ) jew	[II.4	il-klieb deskritti fil-Kaxxa I.28 huma ddestinati għal Stat Membru elenkat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1152/2011 u ngħataw trattament kontra <i>I-Echinococcus multilocularis</i> , u d-dettalji tat-trattament li twettaq mill-veterinarju li amministrah skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 ( <sup>11</sup> ) ( <sup>12</sup> ) ( <sup>13</sup> ) jidhru fit-tabella hawn taħt].		
( <sup>1</sup> ) jew	[II.4	il-klieb deskritti fil-Kaxxa I.28 ma ngħataw trattament kontra <i>I-Echinococcus multilocularis</i> ( <sup>11</sup> ).]		
Numru tat-transponder jew tat-tatwaġġ tal-kelb	Trattament kontra <i>I-echinococcus</i>		II-veterinarju li amministrah	
	L-isem u l-manifattur tal-prodott	Id-data [jj/xx/ssss] u l-ħin tat-trattament [00:00]	Isem b'ittri kapitali, timbru u firma	
]]				
<b>Noti</b>				
(a) Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għall-klieb ( <i>Canis lupus familiaris</i> ), għall-qtates ( <i>Felis silvestris catus</i> ) u għall-inmsa ( <i>Mustela putorius furo</i> ).				
(b) Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ mill-veterinarju uffiċjali sad-data tal-kontrolli tad-dokumenti u tal-identità fil-punt tad-dħul magħżul tal-vjaġġaturi fl-Unjoni (disponibbli fuq <a href="http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/pointsentry_en.htm">http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/pointsentry_en.htm</a> ).				
Fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-perjodu ta' 10 ijiem, huwa estiż b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi għal kemm idum il-vjaġġ bil-baħar.				
Għall-fini ta' moviment ulterjuri lejn Stati Membri oħra, dan iċ-ċertifikat huwa validu mid-data tal-kontrolli dokumentarji u ta' identità għal total ta' erba' xhur jew sad-data tal-iskadenza tal-validità tat-tilqima kontra r-rabja jew sakemm il-kundizzjonijiet relatati mal-annimali li għandhom anqas minn 16-il ġimgħa msemmija fil-punt II.3 ma jibqgħux japplikaw, skont liema data sseħħ l-ewwel. Jekk jogħġbok innota li ċerti Stati Membri infurmaw li l-moviment fit-territorju tagħhom ta' annimali li għandhom anqas minn 16-il ġimgħa msemmija fil-punt II.3 mhuwiex awtorizzat. Jekk tixtieq aktar tagħrif mur <a href="http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/index_en.htm">http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/index_en.htm</a>				
<b>Parti I:</b>				
Kaxxa I.5: <i>Destinatarju</i> : indika l-Istat Membru tal-ewwel destinazzjoni.				
Kaxxa I.28: <i>Is-sistema ta' identifikazzjoni</i> : agħżel minn dan li ġej: transponder jew tatwaġġ				
<i>Numru ta' identifikazzjoni</i> : indika l-kodiċi alfanumeriku tat-transponder jew tat-tatwaġġ				
<i>Data tat-twelid/razza</i> : kif iddikjarat mis-sid.				

## PAJJIŻ

**Moviment mhux kummerċjali lejn Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż  
terz ta' klieb, qtates jew inmsa skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE)  
Nru 576/2013**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<b>Parti II:</b>		
(1) Żomm skont ir-rilevanza.		
(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt II.1 għandha tinhemeż maċ-ċertifikat u tikkonforma mal-mudell u mar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti fil-Parti 3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.		
(3) L-evidenza msemmija fil-punt II.1 (pereżempju l-biljett tal-imbarkazzjoni, il-biljett tat-titjira) u fil-punt II.2 (pereżempju l-biljett għall-entrata għall-avveniment, il-prova ta' sħubija) meta tintalab għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-kontrolli msemmija fil-punt (b) tan-Noti.		
(4) Kull tilqim mill-ġdid għandu jitqies bħala tilqim primarju jekk ma jkunx ingħata waqt il-perjodu ta' validità tat-tilqim preċedenti.		
(5) Id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt II.3.2 li għandha tinhemeż maċ-ċertifikat tikkonforma mal-format, mat-tqassim u mar-rekwiżiti lingwistiċi stabbiliti fil-Partijiet 1 u 3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.		
(6) Maċ-ċertifikat għandha tinhemeż kopja ċertifikata tad-dettalji tat-tilqim u tal-identifikazzjoni tal-annimali kkonċernati.		
(7) It-tielet għażla hija suġġetta għall-kundizzjoni li s-sid jew il-persuna fiżika msemmija fil-punt II.1 tippovdi, fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-kontrolli msemmija fil-punt (b), dikjarazzjoni li tistqarr li l-annimali ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali ta' speċijiet suxxettibbli għar-rabja, u qegħdin jinżammu b'mod sikur fil-mezz tat-trasport jew fil-perimetru ta' ajruport internazzjonali waqt it-tranżitu minn ġo territorju jew pajjiż terz li mhumiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013. Din id-dikjarazzjoni għandha tikkonforma mal-format, mat-tqassim u mar-rekwiżiti lingwistiċi stipulati fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.		
(8) It-test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tar-rabja msemmi fil-punt II.3.1:		
— irid isir fuq kampjun miġbur minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti, tal-inqas 30 jum mid-data tat-tilqima u tliet xhur qabel id-data tal-importazzjoni;		
— irid ikollu livell ta' antikorpi li jinnewtralizzaw il-vajrus tar-rabja fis-serum ekwivalenti għal 0,5 IU/ml jew aktar;		
— irid isir minn laboratorju approvat skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE (il-lista ta' laboratorji approvati hija disponibbli fuq <a href="http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/approval_en.htm">http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/approval_en.htm</a> );		
— ma hemmx għalfejn jerġa' jsir fuq annimal li, wara li jkun sarlu t-test u ħarġu riżultati tajbin, ikun tlaqqam mill-ġdid kontra r-rabja waqt il-perjodu ta' validità tat-tilqima preċedenti.		
Maċ-ċertifikat għandha tinhemeż kopja ċertifikata tar-rapport uffiċjali tal-laboratorju approvat dwar ir-riżultati tat-test tal-antikorpi tar-rabja msemmi fil-punt II.3.1.		
(9) Meta jiċċertifika dan ir-riżultat, il-veterinarju uffiċjali jkun qed jikkonferma li vverifika, bl-aħjar mod li seta', u fejn meħtieġ billi għamel kuntatt mal-laboratorju indikat fir-rapport, l-awtentiċità tar-rapport tal-laboratorju dwar ir-riżultati tat-test ta' titrazzjoni tal-antikorpi msemmi fil-punt II.3.1.		
(10) B'rabta man-nota f'qiegħ il-paġna (6), qabel ma jibda jimtela dan iċ-ċertifikat, jew jingħata ebda tilqim, jew, fejn hemm bżonn, isir xi ttestjar tal-annimali kkonċernati, irid jiġi vverifikat li l-annimali kienu mmarkati qabel it-3 ta' Lulju 2011, permezz tal-impjant ta' transponder jew permezz ta' tatwaġġ li jista' jinqara faċilment.		



## PAJJIŻ

**Moviment mhux kummerċjali lejn Stat Membru minn territorju jew minn pajjiż  
terz ta' klieb, qtates jew inmsa skont l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE)  
Nru 576/2013**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
<p>(<sup>11</sup>) It-trattament kontra l-<i>Echinococcus multilocularis</i> msemmi fil-punt II.4 għandu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— jiġi amministrat minn veterinarju f'perjodu ta' mhux aktar minn 120 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel il-ħin tad-dħul skedat tal-klieb f'wieħed mill-Istati Membri jew f'partijiet minnu li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1152/2011;</li> <li>— jikkonsisti fi prodott mediċinali approvat li fih id-doża xierqa ta' prażikwantel jew sustanzi farmakoloġikament attivi, li waħedhom jew flimkien, taw provi li jnaqqsu l-kwantità tal-forma intestinali, matura u immatura, tal-<i>Echinococcus multilocularis</i> fl-ispeċi ospitanti kkonċernata.</li> </ul> <p>(<sup>12</sup>) It-tabella msemmija fil-punt II.4 għandha tintuża biex tiddokumenta d-dettalji ta' trattament addizzjonali jekk dan ikun sar wara d-data li fiha jkun ġie ffirmat ċ-ċertifikat u qabel id-dħul skedat f'wieħed mill-Istati Membri jew partijiet minnu li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1152/2011.</p> <p>(<sup>13</sup>) It-tabella msemmija fil-punt II.4 għandha tintuża biex tiddokumenta d-dettalji tat-trattamenti jekk dawn ikunu saru wara d-data li fiha jkun ġie ffirmat iċ-ċertifikat bi skop li l-animali jkunu jistgħu jkomplu jinġarru lejn Stati Membri oħra deskritti fil-punt (b) tan-Noti, u b'rabta man-nota ta' qiegħ il-paġna (<sup>11</sup>).</p>		
<p>Veterinarju uffiċjali/Veterinarju awtorizzat</p> <p>Isem (b'ittri kapitali):</p> <p>Indirizz</p> <p>Telefown:</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:</p> <p>Kwalifika u titlu:</p> <p>Firma:</p>		
<p>Approvazzjoni mill-awtorità kompetenti (mhux meħtieġa meta ċ-ċertifikat jiġi ffirmat mill-veterinarju uffiċjali)</p> <p>Isem (b'ittri kapitali):</p> <p>Indirizz</p> <p>Telefown:</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:</p> <p>Kwalifika u titlu:</p> <p>Firma:</p>		
<p>Uffiċjal fil-punt tad-dħul tal-vjaġġaturi (għall-fini ta' moviment ulterjuri lejn Stati Membri oħra)</p> <p>Isem (b'ittri kapitali):</p> <p>Indirizz</p> <p>Telefown:</p> <p>Indirizz elettroniku:</p> <p>Data tat-tlestija tal-kontrolli tad-dokumenti u tal-identità:</p> <p>Titlu:</p> <p>Firma:</p> <p>Timbru: ”</p>		